MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 141/2007

**George u Maria Dolores konjugi Ciantar**

**Vs**

**Bartolo Rena**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2007 illi fih ir-rikorrenti talbu lill-intimata thallashom dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo b’nomina ta’ periti nominandi, liema somma ma teccedix is-somma ta’ tlett elef liri Maltin (Lm3,000) u dawn rapprezentanti servigi rezi lill-intimata waqt il-perjodu kollu tal-gherusija tal-intimata ma’ binhom Dennis Ciantar, prevja d-dikjarazzjoni li l-intimata hija responsabbli ghall-hlas ta’ tali servigi lir-rikorrenti;

Bl-ispejjes, inkluz dak tal-mandat ta’ sekwestru numru 1334/07 ipprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata ingunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ Rena Bartolo pprezentata fis-26 ta’ Gunju, 2007 fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament din il-kawza hija intempestiva u dana peress illi l-atturi qatt ma nterpellaw lill-konvenuta dwar il-mertu tal-kawza odjerna, izda semplicement qabdu u ntavolaw il-kawza minghajr lanqas biss semplici interpellazzjoni verbali u ghaldaqstant independentement ghall-ezitu tal-kawza, il-konvenuta mghandhix tbaghti spejjes gudizzjarji;

2. Illi preliminarjament ukoll, kull talba ghall-allegata servigi li tmur lura mill-pejodu li jaccedi l-hames snin mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern, hija preskritta, bil-preskrizzjoni kwinkennali u dan ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes u dan peress illi l-atturi qatt ma pprestaw xi servigi lil-konvenuta, u l-unika servizz li jista’ remotament jinghad li l-atturi pprestaw lill-konvenuta kien li gieli tawha tiekol, liema servizz qatt ma gie mitlub mill-konvenuta, anzi kien l-attur u binhom li kienu jinsistu li tiekol ghandhom anke gieli kontra x-xewqa taghha. Liema servizz dejjem gie rez mill-atturi gratwitament;

4. Illi jinghad ukoll li l-konvenuta minn naha taghha kienet tassisti lill-atturi f’dak kollu li jkollhom bzonn meta hekk huma jitolbuha, u dan kif ha jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana dejjem fi spirtu ta’ liberalita fl-isfond tar-rispett reciproku li kien ezistenti bejn il-kontendenti fiz-zmien li jirreferi ghalih l-avviz odjern u ghaldaqstant illum hadd mill-partijiet ma jista’ jippretendi li jithallas ghal dak li gie pprestat gratwitament minhabba li r-rispett li kien jezisti bejn il-partijiet jidher li gie mxellef;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Gunju, 2009 fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ghat-13 t’Ottubru, 2009;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tat-13 t’Ottubru, 2009 fejn filwaqt illi cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-initmata, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimata fis-sens illi s-servigi li ghandhom jigu analizzati fil-kawza odjerna ghandhom ikunu limitati ghall-perjodu minn Mejju 2002 sa Mejju 2007 data meta eventwalment meta gietipprezentata r-rikors odjern;

Rat l-Affidavit ta’ George Ciantar ipprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2007 fejn jghid illi huwa missier Dennis Ciantar li kien jiffrekwenta u johrog mal-intimata Rena Bartolo u dan ghal madwar sitt snin. Jghid illi l-konvenuta ma kenitx tahdem meta bdiet tohrog mat-tifel tieghu peress illi kienet ghada l-iskola u kienet tkun kuljum ghandhom gieli anke mis-sebgha ta’ filghodu (7:00 a.m.). Stqarr ukoll li din kienet tiekol ghandhom u dan sal-ahhar gurnata li kienet ghadha mat-tifel tieghu, kienet tigi d-dar u tidhol ghandhom u dan peress illi kienu huma stess tawha c-cavetta tad-dar sabiex meta hi jkollha bzonn tidhol d-dar u huma ma jkunux hemm hi tkun tista’ tidhol fid-dar. Stqarr illi apparti li kienet tidhol fid-dar u tiekol ghandhom, kienet anke tinhasel ghandhom u tahsel xagharha u tuza l-*hairdryer*, kif ukoll kienu jwassluha f’diversi postijiet fejn kellha bzonn tmur. Qal ukoll illi l-mara kienet anke sefritha darba minnhom u hallsitilha l-passagg hi.

Dwar it-thassir tal-gherusija, George Ciantar jghid illi tali gherusija intemmet fil-festa ta’ San Gorg, fis-sena 2006 meta telqitu minhabba li kellha lil xi haddiehor u huma hassew illi kellhom jifthu l-kawza kontriha minhabba fil-mod kif ittrattat lilhom u lit-tifel taghhom peress illi jhoss illi din dahket bihom u allura huma jippretendu li jithallsu ta’ dak kollu li hi gawdiet maghhom. Madanakollu jghid illi huma ma riedux jifthu l-kawza izda meta bdiet tinsisti mat-tifel taghom illi ma trid taghtih lura xejn izda riedet tiehu kull ma kellha sehem tal-oggetti taghhom, allura huma fethu l-kawza kontriha.

In kontro-ezami fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, George Ciantar stqarr illi huwa ghandu paga ta' qligh ta' madwar sittin elf ewro (€60,000) fis-sena, filwaqt li ma kienx jaf kemm kellha paga l-intimata illi kien jaf illi madanakollu kienet tahdem go fabbrika. Hu stqarr ukoll illi ghalih l-intimata kienet is-sitt tifla mit-tfal li kellu, peress illi huwa kellu hamest itfal u ghalih hi kienet is-sitt persuna fil-familja tieghu. Hu tant kien jistmaghha li anke kellha c-cavetta tad-dar u madanakollu hi xorta riedet tkisser lill-mara tieghu kif ukoll lit-tifel tieghu.

Rat l-affidavit ta' Doris Ciantar ipprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2009 fejn din stqarrret illi l-intimata kienet qisha t-tifla taghhom ghax huma hekk maghmulin, tant hu li hi bdiet tigi d-dar taghhom kuljum u tmur ghandhom dritt mill-iskola wara li tmur ghand ommha sabiex tbiddel u kienet tiekol ghandhom anke meta t-tifel taghhom ma kienx ikun hemm hekk. Hi tistqarr illi l-intimata mhux biss kienet tiekol ghandhom, kienet tinhasel ghandhom u kienet tinhasel bil-prodotti illi r-rikorrenti kien ikollha fid-dar ghaliex ir-rikorrenti kienet tinsisti mal-intimata sabiex ma ggibx l-affarijiet maghhom halli ma toqghodx iggorr l-affarijiet ghax kif stqarret l-istess Doris Ciantar ir-relazzjoni ta' bejn it-tifel taghha u l-intimata kienu serji u allura hekk kellu jsir.

Doris Ciantar tghid ukoll illi kull meta kienet tohrog maghha l-intimata kienet thallsilha kollox hi u qatt ma hallietha thallas xejn u nfatti darba minnhom telghu gurnata Catania u hallsitilha kollox hi, filwaqt illi t-tifel taghha, l-gharus dak iz-zmien tal-intimata ta l-flus lill-intimata sabiex tonfoq. Doris Ciantar tghid ukoll illi dejjem kienet twassalha kull fejn kellha bzonn l-intimata u din qatt ma rikbet ix-Xarabank. Fl-ahhar nett, Doris Ciantar tghid illi tiftakar illi omm u missier l-intimata kienu ghaddejjin minn problemi personali u l-intimata kienet tghidilha illi kienet thossha iktar komda toqghod ghand ir-rikorrenti milli d-dar taghha.

Ir-rikorrenti Doris Ciantar tghid ukoll illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn hargu lill-intimata flimkien mat-tifel taghhom kif ukoll kien hemm okkazzjonijiet mat-tfal taghhom ukoll u f'liema okkazzjonijiet huma qatt ma talbu lill-intimata biex ihallsu. Fl-ahhar nett Doris Ciantar tghid illi qattma kienet tistenna illi wara dak kollu li ghamlu maghha, hi taghmillhom dak li kienet qed tghid li trid taghmel, ifisser jigifieri li tkissirhom u dan peress li huma kellhom relazzjoni tajba hafna u ghaliha kienet kumpanija tajba hafna.

Rat ukoll l-Affidavit ta' Maria Concetta sive Mary Fenech li tigi l-mara ta' hu Doris Ciantar u li hija vicina hafna maghha. Dina stqarret illi kienet dejjem tara lill-intimata d-dar ghandha u tiftakar li meta l-intimata kienet tkun qed tahdem, ir-rikorrenti Doris Ciantar kienet tmur tigborha u ggibha d-dar. Tistqarr ukoll li l-intimata kienet taghmel sighat shah id-dar tar-rikorrenti u meta kienet titkellem mal-intimata kienet tghidilha li kien ahjar ghand ir-rikorrenti milli ghand il-genituri taghha peress li kienet tiddejjaq ghaliex kienu qed jiggieldu. Is-sinjura Fenech tghid ukoll illi meta darba minnhom ir-rikorrenti siefru, l-intimata kienet tkun d-dar taghhom wahedha u dana tafu ghax r-rikorrenti kienet tghidilha li ma kienx hemm bzonn li tmur ticcekkjala d-dar peress illi l-intimata kienet ser tkun hemm hekk qed tiehu hsieb kollox.

Rat ukoll l-affidavit ta' Natasha Ciantar illi hija l-mara tat-tifel Alex Ciantar, wiehed mit-tfal tar-rikorrenti Doris Ciantar, li stqarret fost affarijiet ohra li meta kienet gharusa ma' Alex Ciantar, ir-rikorrenti laqghuha fid-dar qisha binthom u l-istess ghamlu mal-intimata Rena Bartolo. Hi stqarret ukoll illi l-intimata kellha c-cavetta tad-dar peress illi r-rikorrenti gieli sabuha tistenna wara l-ghatba tad-dar u allura tawha c-cavetta sabiex tkun tista' tidhol fid-dar hi. Stqarret ukoll illi hi mghandhiex cavetta tad-dar tar-rikorrenti. Fl-ahhar tghid illi l-intimata kienet rispettata hafna u meqjusa bhala wahda mit-tfal taghhom u qatt ma naqasha xejn u allura tishaq illi din dejjem gawdiet flimkien mal-familja taghhom.

Fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2010 xehdet il-konvenuta Rena Bartolo fejn dina stqarret illi l-gherusija taghha ma kenitx wahda fejn kienu gharajjes bic-curkett, izda kienu jiffrekwentaw lill-xulxin minn Dicembru tas-sena 2000 meta hija kellha hmistax-il sena (15) u kienet ghadha l-iskola. Mistoqsija dwar kif kienet tkun id-dar tar-rikorrenti dina stqarret illi ghall-ahhar sentejn u nofs tar-relazzjoni taghhom hi kienet tkun d-dar tar-rikorrenti madwar tlett darbiet fil-gimgha, izda tichad li r-rikorrenti qatt wassluha x’imkien bil-vettura taghhom.

Dwar il-hasil ta’ xagharha u l-uzu tal-*hairdryer* tistqarr li taf li *hairdryer* darba wahda biss uzata ghandhom filwaqt qatt ma uzat il-prodotti tax-xaghar tar-rikorrenti sabiex tahsel xagharha. Dwar il-fatt illi kienet tohrog tiekol flimkien mar-rikorrenti, hi tghid illi hi kienet tkun mistiedna, izda madanakollu hi xorta kienet thallas il-parti taghha peress illi kulhadd kien ihallas tieghu. Dwar is-safra lejn Catania hi tishaq li ghal passagg hallset hi u mhux ir-rikorrenti kif qed tallega. Dwar hlas ghall-ikel meta hi kienet tiekol ghandhom, hi tistqarr li qatt ma dawn ma semmew kwistjoni ta’ hlas. L-ewwel darba li qatt semghet lir-rikorrenti jitolbuha l-flus, meta bdiet il-kawza u qatt qabel u hi tishaq illi hi kienet kuntenta fid-dar taghha u ma kenitx mdejjqa mill-genituri taghha kif qed jallegaw ir-rikorrenti izda r-rikorrenti kienu jghidulha biex tigi tiekol ghandhom u hi kienet tmur tiekol ghandhom.

Ghar-rigward il-fatt li hi kellha c-cavetta tad-dar hi tishaq li c-cavetta tad-dar kienet ghandha biss meta huma kienu jkunu msefrin u dan sabiex hi tiehu hsieb iz-zewgt iklieb illi huma ghandhom fid-dar. Meta kienu eventwalment jirritornaw minn barra hija kienet tghaddilhom c-cavetta lura. Apparti minn hekk kienet tiehu hsieb ukoll meta kienu jkunu msefrin ir-rikorrenti, illi tahsel il-hwejjeg tal-ex gharus taghha Dennis kif ukoll ta’ huh iehor. Naturalment kienet ukoll tiehu hsieb li tnaddaf id-dar.

Fl-ahharnett dwar l-allegazzjoni gja msemmija aktar ‘il fuq illi hi kienet tkun ghand ir-rikorrenti ghax kienet thossha mdejjqa ghand il-genituri taghha. Filwaqt li tikkonferma li l-genituri taghha issa huma separati, hi tghid illi mhuwiex

minnu illi kienet tahrab mid-dar tal-genituri taghha sabiex ma jkollhiex taqsam mal-problemi u nfatti tghid illi qatt ma kellha pressjoni mill-genituri taghha biex titlaq mid-dar taghhom u llum il-genituri taghha hija ghandha relazzjoni tajba mat-tnejn li huma.  Fl-ahharnett tichad totalment l-allegazzjoni li b'xi mod jew iehor riedet tkisser lir-rikorrenti jew lit-tifel taghhom.

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju, 2011 ta' din il-Qorti fejn il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza bil-fakolta tan-noti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta Rena Bartolo pprezentata fl-24 t'Awwissu, 2011 u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' George u Doris Ciantar pprezentata fid-19 ta' Settembru 2011.

**Ikkunsidrat:**

Jidher car fil-kawza odjerna illi l-kwistjoni li wasslet ghal tali kawza quddiem il-Qorti hija impernjata fuq l-aggravju li hassew lir-rikorrenti wara li l-inimtata telqet lit-tifel taghhom liema aggravju kien jidher li huwa accentwat minhabba fil-fatt illi l-intimata naqset li tiftiehem ma' binhom Dennis dwar xi pendenzi ta' bejniethom u nfatti din il-pendenza issa tinstab quddiem il-Qrati naturalment mhux il-Qorti odjerna.

Mill-fatti kollha kif ipprezentati jirrizulta car illi l-intimata bdiet ir-relazzjoni taghha ma' binhom Dennis meta kienet ta' eta' zghira hafna, hmistax-il (15) sena, u allura wiehed jifhem li f'dak il-mument l-intimata forsi ma kenitx f'posizzjoni illi taghzel relazzjoni illi setghet kienet wahda dejjiema. Il-Qorti thoss ukoll illi ta' dik l-eta' persuna ma tista' qatt titqies illi tkun f'posizzjoni li tasal biex ikollha relazzjoni dejjiema.

Tenut kont ta' dan ir-rikorrenti filwaqt illi l-Qorti tifhem li ghamlu minn kollox biex l-intimata jaghmluha parti mill-familja taghhom, tant hu illi kienu jaghtuha tiekol id-dar, kienu johorguha tiekol meta johorgu bil-familja u kienu jqisuha bhala parti mill-familja taghhom.  Madanakollu r-

rikorrenti misshom fehemu mill-ewwel illi r-relazzjoni ta' bejn l-intimata u t-tifel taghhom Dennis filwaqt illi wiehed seta' jispera li kienet twassal f'relazzjoni serja u dejjiema, kellha dejjem titqies bhala wahda li setghet forsi tintemm kif eventwalment gara.

Huwa f'dan l-isfond illi l-Qorti thoss illi l-kawza odjerna qatt ma messha saret, ghax dak li qed jintalab mir-rikorrenti ma huwiex dak illi huma ghandhom dritt ghalih, izda huwa dak li huma qeghdin jippretendu li ghandhom dritt ghalih ghax qed jippretendu wkoll illi l-intimata qarrqet bihom meta temmet ir-relazzjoni taghha mat-tifel taghhom Dennis.

Il-Qorti tifhem illi din il-Qorti kif diversament preseduta kienet gja indikat bl-aktar mod car u skjett illi din il-kawza hija nieqsa minn serjeta' u din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' tali kumment u zzid illi tali kawza messha qatt ma nfethet.

Il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti setghu kienu aggravati mill-fatt illi l-intimata temmet ir-relazzjoni taghhom, izda li wiehed jitlob ghall-hlas ta' servigi meta dawn is-servigi qatt ma nghataw bhala servigi izda kienu biss parti minn hafna affarijiet li huma kienu jaghtu lill-intimata ghax huma kienu jqisuha bhala parti mill-familja taghhom, dan mhuwiex minnu u qatt ma seta' jkun minnu.

Il-fatt illi titlob is-servigi tfisser illi l-persuna ghall-ohra tkun qeghda tifhem li qeghda tinghata servizz, ghal-liema servizz irid ikun hemm xi tip ta' hlas.  Fil-kaz in kwistjoni ma kien hemm l-ebda servizz li qed jinghata lill-intimata mir-rikorrenti.  Ir-rikorrenti kienu qed jistmawha bhala wahda mit-tfal taghhom u l-Qorti tawspika illi r-rikorrenti ma jifhmux illi lil kull wahda minn nisa li ha jizzewgu jew zzewgu mat-tfal taghhom dawn ghandhom jitqiesu li qed jaghtuhom servizz jekk attwalment johorguhom jew jiehdu hsiebhom ghax tali affarijiet huma intrinsikament tal-familja u mhux affarijiet ta' servizz.  Wiehed qatt ma jista' jitlob hlas ta' pjaciri u kien dak li qed jaghmlu r-rikorrenti ghax kif stqarret Doris Ciantar stess hi kienet tiehu pjacir mal-intimata u kienet tiehu gost titkellem maghha allura l-

Qorti ma tistax tifhem ghaliex issa dak il-pjacir hi qeghda titlob hlas tieghu.

Minn naha l-ohra jirrizulta wkoll illi l-intimata li skont ir-rikorrenti kienu tawha c-cavetta u skont il-mara ta’ wiehed mit-tfal tar-rikorrenti, jigifieri Natasha Ciantar, kellha c-cavetta l-intimata filwaqt li din Natasha Ciantar ma kellhix ic-cavetta tad-dar jirrizulta illi l-intimata kienet attwalment inghatat ic-cavetta mhux biex tidhol fid-dar meta ma jkunux dahlu r-rikorrenti, kif allegaw ir-rikorrenti, izda biex tehdilhom hsieb id-dar meta r-rikorenti jkunu msefrin. Tant hu illi skont l-intimata stess kellha tiehu hsieb iz-zewgt iklieb illi r-rikorrenti kellhom id-dar kif ukoll tiehu hsieb tnaddfilhom id-dar u tiehu hsieb il-hwejjeg tal-gharus taghha, dak iz-zmien Dennis Ciantar kif ukoll ta’ huh iehor. Jigifieri l-Qorti tifhem li l-ghoti tac-cavetta lill-intimata ma kienx marbut biss mal-fatt illi qed jithassruha, kif donnhom ir-rikorrenti ppruvaw jpinguha meta din kienet qed tistennihom barra, izda minhabba fil-fatt illi l-intimata kienet qed tghinhom u kienet qed tiehu hsieb id-dar meta r-rikorrenti ma jkunux jistghu jiehdu hsieb id-dar.

Il-Qorti ghalhekk tifhem illi din il-kawza qatt ma kellha ssir u kkawzat biss aktar hsara kemm lir-rikorrenti illi l-kwistjoni baqghu ikaxxkruha mis-sena 2006 sallum kif ukoll lill-intimata.  Il-kwistjoni bejn l-intimata u t-tifel taghhom qatt ma messha spiccat kwistjoni tar-rikorrenti wkoll peress illi kemm ir-rikorrenti, kemm l-intimata u kif ukoll it-tifel tar-rikorrenti huma lkoll individwi li ghandhom id-drittijiet taghhom u ghandhom l-obbligi taghom u r-rikorrenti qatt ma messhom indahlu fil-kwistjonijiet ta’ bejniethom u l-kawza odjerna hija ndikazzjoni cara li r-rikorrenti kullma riedu huwa li jippruvaw jghaffgu u jakksu lill-intimata sabiex hi ma tibqax ghaddejja b’kawza kontra t-tifel taghhom.  Din il-Qorti ma tistax hlief ma tqisx tali azzjonijiet bhala azzjonijiet koroh hafna.

**<u>Konkluzjoni:</u>**

Il-Qorti wara illi rat ix-xhieda kollha pprezentata, wara illi qiset il-provi kollha pprezentati u s-sottomissjonijiet qeghda filwaqt illi tilqa’ t-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-

intimata, tichad it-talbiet attrici u tordna illi l-ispejjes kollha kemm tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimata ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------